

Brussell, 2 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

11928/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0324 (NLE)

WTO 230
MAP 16
MI 616
COASI 216

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieġed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku dwar l-adeżjoni tal-Awstralja mal-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwist Pubbliku

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku
dwar l-adeżjoni tal-Awstralja
mal-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwist Pubbliku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Ġunju 2015, l-Awstralja applikat għall-adeżjoni mal-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwist Pubbliku ("il-GPA rivedut").
- (2) L-impenji tal-Awstralja dwar il-kopertura huma stabbiliti fl-offerta finali tagħha, kif ippreżentata lill-Partijiet għall-GPA rivedut ("il-Partijiet") fis-7 ta' Marzu 2018.
- (3) Għalkemm hija komprensiva, l-offerta tal-Awstralja ma tipprovdi kopertura sħiħa. Għalhekk huwa xieraq li jiġu introdotti ċerti konċessjonijiet speċifiċi għall-Awstralja għall-kopertura tal-Unjoni. Dawn il-konċessjonijiet, kif riflessi fit-Tehmiża ma' din id-Deċiżjoni, se jsiru parti mit-termini tal-adeżjoni għall-GPA rivedut għall-Awstralja u se jkunu riflessi fid-deċiżjoni adottata mill-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku ("il-Kumitat tal-GPA") rigward l-adeżjoni tal-Awstralja.
- (4) L-adeżjoni tal-Awstralja mal-GPA rivedut hija mistennija li tkun ta' kontribut pożittiv lejn il-ftuħ ulterjuri tas-swieq tal-akkwist pubbliku flivell internazzjonali.
- (5) L-Artikolu XXII(2) tal-GPA rivedut jipprevedi li kwalunkwe Membru tad-WTO jista' jaċċedi għall-GPA rivedut skont termini li għandhom jiġu miftiehma bejn dak il-Membru u l-Partijiet, b'tali termini li jiġu stabbiliti f'deċiżjoni tal-Kumitat tal-GPA.
- (6) Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat tal-GPA relattivament għall-adeżjoni tal-Awstralja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku għandha tkun li tiġi approvata l-adeżjoni tal-Awstralja mal-Ftehim Rivedut dwar l-Akkwist Pubbliku, soġġett għat-termini speċifiċi ta' adeżjoni stabbiliti fit-Tehmiża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
